

31986R2009

L 172/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

30.6.1986

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 2009/86
ta' l-24 ta' Ġunju 1986**

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-pajjiżi partijiet tat-Trattat Ġenerali dwar l-Integrazzjoni Ekonomika ta' l-Amerika Ċentrali (il-Kosta Rika, l-El Salvador, il-Guatemala, il-Ħonduras u n-Nikaragwa) u l-Panama, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 113 u 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi, sabiex tikseb il-finijiet tagħha fl-isfera tar-relazzjonijiet ekonomiċi barranija, il-Komunità għandha tapprova l-Ftehim ta' Koperazzjoni mal-pajjiżi partijiet fit-Trattat Ġenerali dwar l-Integrazzjoni Ekonomika ta' l-Amerika Ċentrali u mal-Panama;

Billi ċerti għamliet tal-koperazzjoni ekonomika pprovvduti bil-Ftehim jaqbżu l-poteri ta' azzjoni provvduti bit-Trattat fil-politika kummerċjali komuni,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-pajjiżi partijiet fit-Trattat Ġenerali dwar

l-Integrazzjoni Ekonomika ta' l-Amerika Ċentrali u mill-Panama, mill-parti l-oħra, huwa hawnhekk approvat fisem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa meħmuż ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika provvduta fl-Artikolu 11 tal-Ftehim ⁽¹⁾.

Artikolu 3

Il-Komunità għandha tiġi rrappreżentata fil-Kumitat Konġunt ipprovvdut fl-Artikolu 7 tal-Ftehim mill-Kummissjoni, assistita mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fl-4 ta' Ġunju 1986.

Għall-Kunsill

Il-President

G. BRAKS

⁽¹⁾ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim trid tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.